**11 ta' Marzu, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd

*versus*

Calcedonio Carabott

## Kuntratt - Kunsens - Vizzju ta' - *Error* - Żball

*Azzjoni għal irkupru ta' somma naxxenti minn skrittura privata. Il-konvenut eċċepixxa vizzju ta' kunsens ta' żball. Il-Qorti sabet illi l-eċċezzjoni ma kenitx attendibbli u laqgħet it-talbiet attriċi għall-kundanna ħlas.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut għandu jagħti lill-attur is-somm ta' tlieta u

tletin elf, erba' mija u wieħed u sittin Lira Maltija, wieħed u tmenin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm33,461.81,2) liema ammont dovut minn somma akbar skond kif jidher mill-iskrittura privata tas-26 ta' Jannar, 1988, hawn annessa u mmarkata "Dokument A" li permezz tagħha l-konvenut irrenda ruħu debitur "*in solidum*" ma' *Andrea Messina a favur l-attur;*

Illi l-konvenut baqa' ma ħallasx l-ammont fuq indikat bi ksur tal-kondizzjonijiet elenkati fl-iskrittura privata msemmija għalkemm interpellat anke permezz ta' ittra uffiċjali biex jaffettwa l-pagament minnu dovut;

Illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u skadut, u għat-talba ta' l-attur il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'iġib;

Talab li din il-Qorti:

1. tgħaddi biex tiddeċidi fuq it-talba ta' l-attur u dan bid-dispensa tas-smigħ kif hemm maħsub fl-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili a tenur tad-dikjarazzjoni ta' l-attur;

2. *tikkundanna 'l-konvenut sabiex iħallas* lill-attur is-somma ta' Lm33,461.81,2 ammont dovut kif fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Marzu, 1989, tal-Mandat ta' Impediment tal-partenza tat-2 ta' Mejju, 1989 u li jġib in-numru 880/89, u tal-Mandat ta' Sekwestru *kawtelatorju tat-2 ta' Mejju, 1989, li jġib in-numru 879/89, u tal-*Mandat ta' Qbid kawtelatorju tat-2 ta' Mejju, 1989, li jġib in-numru 881/89, u bl-imgħax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 1989 li bih il-konvenut ingħata l-fakoltà li jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha huwa eċċepixxa:

"1. Illi l-kunsens tal-konvenut fl-imsemmija skrittura hu vvizzjat stante illi ingħata fuq żball u premessi żbaljati;

2. Illi per konsegwenza l-iskrittura fil-konfront tal-konvenut hija nulla stante illi l-istess żball dwar fatt jolqot is-sustanza nfisha tal-ħaġa li hija l-oġġett tal-ftehim;

3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq premessi l-konvenut jitlob żmien xieraq, jekk il-każ, biex jadempixxi l-obbligazzjonijiet;

4. Illi fi kwaksiasi każ għandha ssir il-verifika ta' l-ammont effettivament dovut billi l-eċċipjenti ngħata x'jifhem illi saru pagamenti sostanzjali mid-debitur l-ieħor;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi l-ispjegazzjoni mogħtija mill-konvenut għaliex kien

iffirma l-obbligazzjoni bl-iskrittura tas-26 ta' Jannar, 1988 hija li meta n-Nutar kien semmielu illi kellu jagħti xi flus lid-Dipartiment hu kien fehem li n-Nutar kien qed jirriferixxi għal flus li hu kellu jagħti tal-ħut li hu kien biegħ lil-Libjani u mhux ta' dan it-Taljan. Imbagħad il-konvenut kompla jispjega:

"Meta jiena ffirmajt il-kuntratt kien iffirma wkoll it-Taljan u l-ispjegazzjoni li nagħti għax iffirmajt dan il-kuntratt kien għaliex kif spjegajt qabel jiena kelli nagħti lid-Dipartiment tal-ħut li kont bgħett lil-Libjani. Naf li t-Taljan ma kellux x'jaqsam mad-dejn li jiena kelli mad-Dipartiment fuq il-ħut mibjugħ lil-Libjani."

Issa l-konvenut ma jagħti ebda spjegazzjoni għaliex it-Talja iffirma meta skond ma qal il-konvenut, mingħalih li kien qed iffirma dwar il-bejgħ lil-Libjani u "*ex-admissis*" it-Taljan ma *kellu x'jaqsam xejn mal*-*bejgħ* lil-Libjani;

Mill-kompless tal-provi mismugħa jirriżulta ċar li t-teżi tal-konvenut hija assolutament inattendibbili u l-ispjegazzjoni mogħtija minnu li għaliha huwa ffirma l-iskrittura privata "de qua" mhiex kredibbli u l-Qorti hija konvinta li meta l-konvenut iffirmaha huwa kien jaf perfettament x'qed *jagħmel u b'ebda mod* ma mexxilu jipprova li l-kunsens tiegħu kien ivvizzjat, apparti kull konsiderazzjoni legali dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita minn min jallega, kif qed jagħmel il-konvenut bit-tieni eċċezzjoni tiegħu, li l-iskrittura hija nulla.

Illi għalhekk l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-kovenut għandhom jiġu miċħuda;

It-tielet eċċezzjoni m'għandha ebda bażi legali u għalhekk għandha wkoll tiġi miċħuda;

Ir-raba' eċċezzjoni hija wkoll infondata billi ma rriżulta ebda pagament mid-debitur l-ieħor;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad bħala nfondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attriċi għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma mitlub fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.